# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 114/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Tony Cachia)**

**Vs**

**Joseph Zammit**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant Joseph Zammit detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 431378M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-9 ta' Novembru 2011, ghall-habta ta` bejn l-4pm u l-4:30pm, minn go residenza bl-isem ta` Claymore, Triq Qrib Sant` Anton Attard, ikkommetta serq ta` diversi oggetti fosthom nkwadri u mejda, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi is-somma ta` €233, izda inqas minn €2330 ghad-detriment tas-sid ta` l-istess fond. U aktar talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta kien misjub hati b`sentenzi moghtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux ikunu mibdula jew mhassra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Marzu, 2014, li biha sabet lill-appellant hati w kkundannatu ghal sena prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Zammit, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza imsemmija fejn sabet lill-appellanti hati u konsegwentement tilliberah mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu jew alternattivament tirriforma s-sentenza billi tvarjaha in kwantu l-piena u minflok tinfliggi fuqu piena iktar idoneja u inqas harxa;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Avukat Generali stante li l-appellant irrimetta ruhu ghal dak espost fir-rikors tal-appell tieghu;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex iwiegeb ghall-imputazzjoni ta' serq aggravat bil-mezz u bil-valur wara li l-Pulizija kienu tempestivament accedew fir-residenza tieghu u sabu tavolina kantuniera li kienet ghadha kemm insterqet minn residenza. L-pulizija kienet waslet ghall-appellant wara li irceviet telefonata anonima li kienet ghadha kemm sehhet serqa minn residenza fejn intlemhet persuna li harget b'mejda u xi kwadri li tqieghdu gewwa vettura bin-numru u l-marka suppliti lill-istess . Minn stharrig immedjat irrizultat li l-vettura kienet tappartjeni lill-

appellant u l-pulizija marret minnufih fir-residenza tieghu fejn allura instabet din il-mejda;

2. L-ewwel Qorti semghet kif il-Pulizija waslet sabiex tressaq lill-appellant billi appena rceviet telefonata minn persuna li kienet ghadha kemm rat serqa ssehh, accedew fuq il-post ufficcjali li nnutaw li kien hemm bieb ta' residenza zgassat. Sid id-dar ikkonferma li ghalkemm din kienet destinata ghat-twaqqigh, kien ghad fadal fiha xi oggetti kompriz mejda u inkwadri. Kif gia rilevat *supra*, n-numru tal-vettura moghti lill-pulizija wassalhom fir-residenza tal-appellant fejn hemm instabu l-appellant u anke t-tavolina kantuniera. Mix-xhieda tal-investigaturi jirrizulta ukoll illi din id-dar tinsab fi triq li tghalaq;

3. Sid id-dar gharaf il-mejda minn ritratt mehud mill-pulizija u qal li din l-ghamara tiswa anqas minn €200 u b'dan il-Qorti tifhem li huwa l-valur tat-tlett inkwadri u l-mejda flimkien;

4. Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jikkwerela l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti meta, skond hu, strahet fuq informazzjoni ta' persuna li qatt ma xehedet fil-procedura kontra l-appellant. Jidher li l-appellant qed jirreferi ghar-regoli dwar il-*hearsay evidence* izda dawn ma jiccentrawx fil-kaz odjern. L-informazzjoni anonima moghtija lill-pulizija kienet biss dwar xi hadd mhux mgharuf li ntlemah b'oggetti f'idu diehel gewwa vettura identifikata mill-ghamla, kulur u numru ta' registrazzjoni wara li hareg minn residenza. Minn hemm 'l quddiem l-fatti mressqa ghall-kunsiderazzjoni tal-ewwel Qorti kienu rizultat tal-indagini kondotta mill-Pulizija li sabet parti mir-*res furtiva* fil-pussess tal-appellant li huwa sid il-vettura in kwisjtoni. Ix-xhieda tal-ufficcjali tal-pulizija ma jistghax jitqies li hu *hearsay* fit-termini tal-artikoli 589 u 599 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta applikabbli ghal-process kriminali bis-sahha tal-artikolu 645 tal-Kodici Kriminali. Fis-sentenza preliminari **Ir-Repubblika ta' Malta vs Daniel Felice** tat-22 ta' Settebmru 2016, l-Qorti ezaminat bir-reqqa u b'mod illustri l-elementi tar-*Hearsay Rule* u qed issir piena referenza ghal-insenjament li johrog mill-istess. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

5. Fit-tieni aggravju tieghu l-appellant jargumenta illi lanqas ma jirrizulta mis-sentenza "li l-persuna li allegatament giet [recte: kienet] misruqa xehed sabiex jikkonferma li l-mejda li sabet il-pulizijia kienet proprjeta' tieghu u lanqas ma jidher li esebixxa xi ricevuti ghall-valur taghha". Ezaminati l-atti jemergi illi quddiem l-ewwel Qorti ddepona, *inter alia*, Ivan Azzopardi li ddikjara li hu sid ir-residenza minn fejn sehh sgass sabiex ikun hemm access ghall-proprjeta' tieghu. Dan ix-xhud intwera zewg ritratti ta' mejda, esebiti in atti, u kkonferma li dik kienet l-ghamara li ttihditlu. L-ewwel Qorti kellha l-konfort ta' dan ix-xhud li dik il-mejda kienet tappartjeni lilu u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li l-ewwel Qorti tissenjala dan il-fatt fis-sentenza taghha, la darba rrizulta min kien sid il-mejda. Ghalhekk ma hemmx htiega ta' aktar delungar fuq l-ewwel parti ta' dan l-aggravju. Kwantu ghal kwistjoni tal-valur, huwa minnu li d-derubat ma esebixxa ebda ricevuta dwar il-valur tal-medja izda ma jfissirx b'daqshekk illi dan kien fid-dover li jaghmel hekk. Huwa xehed illi din tiswa' anqas minn mitejn euro u l-ewwel Qorti, in difett ta' prova kontrarja strahet fuq dak il-valur;

6. L-appellant jargumenta ukoll illi "l-ewwel Qorti poggiet lill-esponent fuq ix-xena tad-delitt biss ghaliex ma tax spjegazzjoni logika" u li "huwa d-dritt tal-esponent li jibqa' sieket f'akkuzi kriminali u jekk xi hadd ghandu jgib il-provi huma l-prosekuzzjoni u mhux l-esponenti". Anke hawn, l-argument tal-appellant huwa minnufih destinat li jfalli ghaliex meta l-ewwel Qorti qalet fis-sentenza taghha illi "minn dawn il-provi huwa evidenti li l-imputat kien fuq ix-xena tad-delitt" kienet qed tasal ghall-konkluzzjoni naturali tal-provi migjuba quddiemha. L-appellant jaghmel referenza ghar-ragunament tal-ewwel Qorti meta tghid "Ghal xi raguni, l-imputat ma ressaq ebda provi, ghalkemm inghata opportunita'" u jikkwerela l-istess bhala konsiderazzjoni li biha seta jinsab hati. Huwa evidenti minn ezami tal-atti processwali u tas-sentenza appellata illi fil-konsiderazzjoni taghha l-ewwel Qorti kienet qed taghmel referenza ghad-dottrina tal-pussess recenti fir-reat ta' serq. Din it-teorija kienet mistharrga

diversi drabi mill-Qrati taghna u ssir referenza, per ezemplari, ghas-sentenza Il-Pulizija vs Malcolm Mifsud et – App Krim 11.10.2010) li fiha kien iccitat l-awtur Blackstone (Criminal Practice 1991) pp 262 li in rigward jghid: "*if the accused was found in possession of goods which have recently been stolen, and if he offers no satisfactory explanation for this, the jury may be entitled to infere that he either stole those goods or received them. It is purely a question of fact, and little more than a matter of common sense. No presumption of law is involved; the legal burden of proof remains on the prosecution as usual, and the accused's right to remain silent is unaffected".* Issa ghalkemm il-kumment tal-ewwel Qorti jista' jaghti lok ghal-interpretazzjoni xi ftit infelici dwar l-oneru tal-prova u li hemm xi presunzjoni ta' htija f'cirkostanzi konsimili, dan mhux il-kaz issa li din il-Qorti ezaminat il-fatti kollha;

7. L-ahhar aggravju jirrigwarda l-ammont ta' oggetti allegatament misruqa u l-appellant jistaqsi kif instab hati ta' serq ta' mejda u nkwadri meta fil-pussess tieghu instabet biss mejda. F'dan l-aggravju l-appellant jistaqsi ukoll kif il-Pulizija waslu ghall-konkluzzjoni li din il-mejda kienet l-istess wahda misruqa mill-fond. Dan il-punt gia kien dibattut minn din il-Qorti fil-paragrafi precedenti. Dwar l-inkwadri, izda, l-appellant ghandu ragun, mhux ghaliex kif jghid hu, qatt ma nstab fil-pussess taghhom, izda ghaliex sid id-dar jghid li l-mejda biss kienet tidher nieqsa u xejn aktar. Issa ghalkemm dan jista' jincidi fuq il-valur tal-oggetti misruqa, meta sid id-dar ddikjara li l-oggetti kienu jiswew anqas minn €200, dan kien qed jirrefei biss ghall-mejda in kwistjoni. L-appellant ghalhekk qatt ma seta jinstab hati ta' serq aggravat bil-valur fit-termini tal-artikolu 267 tal-Kap 9 li jiprrovdi li sabiex is-serq ikun ikkwalifikat bil-"valur" jehtieg li jkun jiswa' aktar minn euro 232.94;

8. Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermha f'dik il-

parti fejn sabet lill-appellant hati ta' serq aggravat bil-mezz, ma ssibux hati ta' serq aggravat bil-valur u tilliberah mill-aggravju tal-valur;

9. Kwantu ghal-piena u l-aggravju dwar l-istess, s-serq aggravat bil-"mezz" jimporta piena ta' prigunerija minn hames xhur sa tlett snin. Issa tenut li l-appellant huwa recidiv, din il-Qorti taqbel mal-piena kominata mill-ewwel Qorti anke tenut kont li mhix qed tinsab htija fl-aggravju tal-"valur". Din il-parti tas-sentenza appellata ghalhekk qed tkun ukoll konfermata.